MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1895/2000/1

**San Andrea School.**

**-vs-**

**David u Mary konjugi Mallia.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fis-16 ta' Ottubru 1995 il-partijiet kif ukoll John u Giuseppa Chetcuti, kienu ftehmu fost affarijiet ohra illi kellu jinbena razzett fl-interess tal-konvenuti u l-mod kif kellu jinbena, liema razzett jinsab fil-limiti tal-istess Skola ta' San Andrea (Dok. A).

Illi sussegwentement u cjoe fit-3 ta’ Frar 1997 il-partijiet kienu ftehmu fuq xi emendi illi kellhom jsiru ghall-ftehiem tas-16 ta’ Ottubru 1996.

Illi permezz tal-ftehiem tat-3 ta’ Frar 1997 (Dok. B) l-entita’ tax-xoghol kif deskritt fil-ftehiem tas-16 ta’ Ottubru 1996, kiber, il-partijiet kienu ftehmu illi certi xogholijiet kellhom jithallsu mill-konvenuti skond il-kont finali tal-perit Victor Torpiano u cjoe il-Perit illi kien qieghed jiehu hsieb il-progett.

Illi l-imsemmija xogholijiet saru u kien inhareg il-kont finali kif ukoll ic-certifikat finali mill-Perit Torpiano fil-5 ta’ Frar 1998 u fid-29 ta’ Marzu 1999 rispettivament, izda minkejja dan il-konvenuti naqsu milli jhallsu dak illi kien dovut minnhom abbasi tal-ftehiem tat-3 ta’ Frar 1997, liema xogholijiet jammontaw ghas-somma ta’ hamest elef mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin tnejn u tletin centezmu (Lm5225.32).

Illi skond l-istess ftehiem tat-3 ta’ Frar 1997, senjatament artikolu 9 il-konvenuti kienu obbligaw ruhhom illi jhallsu lill-atturi s-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) liema somma kellha tithallas fuq medda ta’ snin, kif hemm dettaljati.

Illi fil-hamsa (5) ta’ Frar 2000 il-konvenuti kellhom l-obbligu illi jhallsu s-somma ta’ elf lira Maltin mis-somma pattwita ta’ Lm5,000 hawn fuq imsemmija, lill-atturi liema somma ma thallsitx minkejja illi dawn gew interpellati sabiex jghamlu dan.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

(1) tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli sabiex jhallsu ghal dawk ix-xogholijiet illi saru abbasi tal-ftehiem tat-3 ta’ Frar 1997;

(2) tillikwida l-prezz tal-imsemmija xogholijiet fl-ammont ta’ hamest elef mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin tnejn

u tletin centezmu (Lm5225.32) skond il-kont finali tal-Perit Victor Torpiano;

(3) tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi is-somma ta’ hamest elef mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin tnejn u tletin centezmu (Lm5225.32) jew somma verjuri illi ghandha tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ghajnuna ta’ periti nominandi;

(4) tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000), skond l-artikolu 9 tal-ftehiem tat-3 ta’ Frar 1997, liema somma ghandha tithallas fuq medda ta’ hames snin minn meta jinhareg il-kont finali, u tiddikjara illi t-terminu ghall-hlas ta’ l-ewwel pagament ammontanti ghall-elf lira maltin (Lm1,000) skada;

(5) tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur s-somma ta’ elf lira lill-atturi dejjem abbasi tal-imsemmi ftehiem – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data ta’ kull skadenza tal-pagament u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-11 ta’ Ottubru 1999 kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Lionel Lapira, I.D. 561160(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-3 ta’ Novembru, 2000 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

1. Illi n-nullita' tac-citazzjoni billi "San Andrea School" m'ghandhiex personalita' guridika.

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju San Andrea School mhijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza, billi l-ftehim imsemmi fic-citazzjoni sar ma "The Parents Foundation For Education Second School."

3. Inoltre l-azzjoni attrici hija intempestiva billi l-Perit Victor Torpiano sallum ghadu ma harigx kont dettaljat u spjegat tas-sehem separat mill-appalt li ghandu jithallas mill-eccepjenti, minkejja li ntalab jaghmel dan.

4. Illi f'kull kaz u bla pregudizzju x-xoghol ma sarx skond il-ligi tant li sallum ghadu ma harigx compliance certificate. Lanqas ma sar ix-xoghol skond l-arti u s-sengha.

5. Illi inoltre ix-xoghol ma tlestiex fit-terminu miftiehem u ghalhekk hija dovuta l-penali kontemplata fl-istess ftehim ta' appalt, liema penali ghandha titnaqqas mill-ammont li jista' jigi likwidat bhala dovut.

6. Illi r-raba' u l-hames talbiet attrici huma intempestivi, kemm ghaliex il-perit Torpiano ghadu ma harigx kont finali car tas-sehem dovut mill-eccepjenti, kemm ghaliex il-kostruzzjoni ghadha mhijiex skond il-ligi, kif ukoll ghaliex f'kull kaz u bla pregudizzju, fil-kaz tar-raba' talba, anke l-istess atturi jippretendu li pagament wiehed biss sallum huwa dovut.

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra processwali komprizi n-noti ta' sottomisjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti qed jeccepixxu n-nullita' tac-citazzjoni billi San Andrea School ma ghandhiex personalita' guridika u li m'hijiex il-legittimu kontradittur billi l-ftehim huma ghamluh ma' The Parents' Foundation for Education Second School u mhux ma' San Andrea School. Iz-zewg nahat ipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet dettaljati sew dwar dawn l-eccezzjonijiet li huma konnessi.

Wiehed bil-fors irid isegwi l-*iter* li hadet l-iskola in kwistjoni biex jasal ghad-decizjoni u dan wiehed jista' jaghmlu jekk isegwi kronolgikament id-dokumenti li gew esebiti mill-atturi.

Il-fondazzjoni (mhux dik kontraenti izda hekk imsejjha Parents' Foundation For Education) giet kostitwita fl-1988 permezz ta' att pubblikat minn Nutar Pierre Attard (Dok. AB2). Il-fondazzjoni li kkontrattat mall-konvenuti da parti taghha giet istitwita fl-1 ta' Ottubru, 1992 u a fol 40 fl-istatut ta' l-iskola attrici wiehed isib illi din il-fondazzjoni originali hija *the true and lawful owner of the Parents Foundation for Education Second School here in after referred to as the School.* Kienet ghalhekk din it-tieni fondazzjoni li waqqfet l-iskola San Andrea.

Fuq l-ewwel eccezzjoni l-Qorti thoss li mall-mument li giet stabbilita l-iskola fl-1992 bhala *body corporate* hija kellha personalita' guridika u ma kienx jiddependi mil-licenzja

tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex dan isehh. Il-licenzja hija necessarja biex l-iskola topera izda dan ma jfissirx li ma tistax

tidhol f'obbligazzjonijiet u allura jkollha wkoll min ikun obbligat fil-konfront taghha. Dan johrog car mill-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249 – Artikolu 4).

Il-punt l-iktar problematiku huwa jekk l-iskola dahlitx fid-drittijiet u l-obbligi tal-fondazzjoni ghaliex ma jidhirx li sar xi trasferiment car ta' dawn id-drittijiet. Li gara kien li l-fondazzjoni originali permezz ta' l-istatut tal-iskola, fil-waqt illi ddikjarat li kienet il-proprjetarja tat-tieni fondazzjoni stabbiliet l-iskola u l-istatut taghha. Madankollu huwa car illi f'mohh il-firmatarji, it-tieni fondazzjoni u l-iskola San Andrea kienu l-istess haga; in fatti fil-waqt li t-titolu huwa Parents' Foundation For Education, San Andrea School – Statute, fl-Artikolu 2 (fol 41) wiehed isib *The name of the school is San Andrea School – here after called the School.* Ghalhekk il-Qorti taccetta t-tezi li t-tieni fondazzjoni 'inbidlet' fi skola li ssejhet San Andrea.

Fl-istess hin wiehed ma jlumx lill-konvenuti illi ntavolaw din l-eccezzjoni ghaliex huma ma kellhomx a disposizzjoni taghhom id-dokumenti li juru dan u dan ser ikun rifless fil-kap ta' l-ispejjes.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti; l-ispejjes ta' din l-istanza huma bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------